



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.4.2013  
COM(2013) 241 final

2011/0156 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**dwar**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali u sostituti tal-porzjon alimentari ta' kuljum għall-kontroll tal-piż**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**dwar**

**il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali u sostituti tal-porzjon alimentari ta' kuljum għall-kontroll tal-piż**

**1. SFOND**

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM (2011) 353 finali - 2011/0156 (COD):	1-24 ta' Ġunju 2011
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	Is-26 ta' Ottubru 2011
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	1-14 ta' Ġunju 2012
Data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata:	[*]
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	it-22 ta' April 2013.

- \* Filwaqt li kkunsidrat l-iżviluppi li saru fid-diskussjonijiet informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ma ħejjietx proposta emendata iżda esprimiet l-opinjonijiet tagħha dwar l-emendi tal-Parlament fil-"*Communication de la Commission sur les suites données aux avis et résolutions adoptés par le Parlement européen lors de la session de juin 2012*" (dokument SP (2012)540) mibgħuta lill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Lulju 2012.

## 2. GĦAN TAL-PROPOSTA MILL-KUMMISSJONI

Il-proposta tirrevedi l-leġiżlazzjoni qafas li tapplika għall-ikel b'użi nutrizzjonali partikolari, imsejjaħ 'ikel djetetiku', kif stabbilit fid-Direttiva 2009/39/KE<sup>1</sup>.

Filwaqt li tikkunsidra l-evoluzzjoni tas-suq tal-ikel u l-evoluzzjoni korrispondenti tal-liġi tal-ikel tal-UE matul dawn l-aħħar deċennji, il-proposta għal Regolament tabolixxi l-kunċett ġenerali tal-1977 ta' 'ikel għal użi nutrizzjonali partikolari', li, f'suq li għadda minn proċess ta' bidla u f'kuntest legali, wassal għal problemi għall-partijiet interessati u għall-awtoritajiet ta' kontroll. Il-proposta tipprevedi qafas ġdid li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali biss għal għadd limitat ta' kategoriji ta' ikel meqjusa essenzjali għal ċerti gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni bħal trabi u tfal żgħar u nies taħt supervizzjoni medika.

Il-proposta tipprevedi wkoll it-tfassil ta' lista unika tal-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' sustanzi (eż vitamini, minerali, amminoaċidi...) li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji ta' ikel koperti mill-proposta. Din il-lista tal-Unjoni tikkonsolida listi differenti previsti bħalissa minn miżuri differenti adottati mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-qafas legali eżistenti għall-ikel b'użi nutrizzjonali partikolari.

Il-proposta ssegwi l-għanijiet ta' regolamentazzjoni aħjar, minħabba li tħares regoli speċifiċi għall-prodotti biss meta dawn ikunu meħtieġa biex jiġu protetti gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, u tissimplifika l-leġiżlazzjoni attwali billi tneħħi r-regoli li ma baqgħux neċessarji jew li huma kuntradittorji u billi tlaqqa' flimkien il-listi differenti ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu ma' dawn il-prodotti.

## 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

### 3.1. Kummenti ġenerali

Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet trażmessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-24 ta' Ġunju 2011. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012 u appoġġa l-għanijiet prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew qabel partikolarment fuq il-ħtieġa li jabolixxi l-kunċett stess ta' ikel għal użi nutrizzjonali partikolari, kif ukoll il-ħtieġa li l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni jkun limitat biss għal ċerti kategoriji ta' ikel maħsuba għal gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kienet tinkludi 83 emenda fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użi ta' nutriment partikolari (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21-29). Fil-kuntest ta' dik il-leġiżlazzjoni qafas, il-Kummissjoni adottat serje ta' miżuri speċifiċi. B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat- 22 ta' Diċembru 2006 dwar formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1-33); Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16-35); Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni ta' enerġija għat-tnaqqis fil-piż (ĠU L 55, 6.3.1996, p. 22-26); Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali, (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29-36); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 tal-20 ta' Jannar 2009 li jikkonċerna l-kompożizzjoni u l-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel għal dawk li ma taqbilx magħhom il-gluteina (ĠU L 16, 21.1.2009, p. 3-5); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 tat-13 ta' Ottubru 2009 dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari (ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9-19); Id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-formulae tat-trabi u l-formulae tal-prosegwiment maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi (ĠU L 179, 1.7.1992, p. 129-130).

Ma ħarġet l-ebda proposta modifikata tal-Kummissjoni. Fil-"*Communication de la Commission sur les suites données aux avis et résolutions adoptés par le Parlement européen lors de la session de juin 2012*" (id-dokument SP (2012) 540) mibgħuta lill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni indikat li setgħet taççetta b'mod sħiħ, parzjalment, fil-prinċipju jew suġġett għall-kitba mill-ġdid, 53 mit-83 emenda, minħabba li kkunsidrat li dawn l-emendi jistgħu jiċċaraw jew itejbu l-proposta tal-Kummissjoni u kienu konsistenti mal-għanijiet ġenerali tagħha.

Wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, issuktaw id-diskussjonijiet informali bejn id-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni, bil-għan li jikkonkludu ftehim fl-istadju tal-pożizzjoni komuni ('ftehim bikri fit-tieni qari').

Dawn id-diskussjonijiet kienu suċċess u huma riflessi fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, li ġiet adottata b'maġġoranza kwalifikata. Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tirrifletti l-għanijiet oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni u tikkunsidra ħafna mit-ħassib tal-Parlament Ewropew. Għalkemm fil-każ ta' ċerti elementi l-pożizzjoni komuni hija differenti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni tal-Kunsill tirrappreżenta kompromess ibbilanċjat bir-reqqa u hija sodisfatta li din tkopri l-kwistjonijiet kollha li tikkunsidra essenzjali meta tadotta l-proposta tagħha.

### **3.2. Emendi tal-Parlament Ewropew aċċettati mill-Kummissjoni u inkorporati kompletament, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari**

**Ikel għat-tnaqqis fil-piż:** il-Parlament Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li jittrasferixxi r-regoli eżistenti dwar il-prodotti li jissostitwixxu l-ikel għall-kontroll tal-piż fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel. Madankollu, adotta emendi bil-għan li fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġu inklużi l-prodotti li jservu ta' sostituti tal-porzjon alimentari ta' kuljum għall-kontroll tal-piż, inkluż prodotti għal dieta b'ammont baxx ħafna ta' kaloriji (Very Low Calorie Diet products - VLCDs), li wkoll jissostitwixxu l-porzjon alimentari ta' kuljum iżda jkollhom kontenut aktar baxx ta' enerġija (emendi 1, 11, 12, 20, 22, 26, 36, 46). Il-Parlament Ewropew stabilixxa wkoll regoli dettaljati għal dawn il-prodotti fl-att bażiku (emendi 71, 82).

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess, aċċettat il-prinċipju ta' inklużjoni ta' tali prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, spjegat li r-regoli dettaljati ma għandhomx jiġu inklużi fl-att bażiku. Bil-kontra, dawn għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' att delegat adottat fil-qafas tar-Regolament kif inhu l-każ għall-ikel l-ieħor kollu fil-kamp ta' applikazzjoni.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija konformi ma' dik tal-Kummissjoni minħabba li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni s-sostituti kollha tal-ikel iżda tinkludi l-prodotti li jservu ta' sostituti tal-porzjon alimentari ta' kuljum għall-kontroll tal-piż, inkluż il-VLCDs u huwa previst li permezz tal-atti delegati se jiġu adottati regoli speċifiċi għal dawn il-prodotti. Fil-premessi qed tiġi provduta deskrizzjoni ċara tal-VLCDs, u dan iservi ta' tweġiba għat-ħassib tal-Parlament Ewropew kif jidher fl-emendi tiegħu. Għall-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli.

**Xorb magħmul mill-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal iżgħar:** fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, il-Parlament Ewropew adotta l-emendi 21 u 81 li

jirrikjedju li l-Kummissjoni tadotta rapport dwar il-ħalib maħsub għat-tfal żgħar (hekk imsejjaħ "ħalib biex jikbru"). Ir-rapport, li għandu jiġi bbażat fuq il-parir tal-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel għandu jivvaluta l-bżonn għal dispożizzjonijiet speċjali għal dawn il-prodotti.

Il-Kummissjoni qablet mal-Parlament Ewropew dwar l-utilità ta' rapport ibbażat fuq il-parir xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, speċjalment jekk wieħed iqis li jeżistu opinjonijiet differenti dwar jekk dawn il-prodotti humiex bżonnjużi jew le biex jissodisfaw il-ħtiġijiet nutrizzjonali tat-tfal żgħar. Il-Kunsill jaqbel ukoll mal-Parlament Ewropew u jipproponi test li jobbliga lill-Kummissjoni tagħmel abbozz ta' rapport dwar dawn il-prodotti, kif mitlub mill-Parlament Ewropew, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex fir-rapport tikkunsidra, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti nutrizzjonali tat-tfal żgħar, ir-rwol ta' dawn il-prodotti fid-dieta tat-tfal żgħar u jekk dawn il-prodotti għandhomx benefiċċji nutrizzjonali meta mqabbla ma' dieta normali għal tifel jew tifla li jkun qed jinfatmu.

It-talba għal rapport, kif imfassla mill-Kunsill, hija aċċettabbli għall-Kummissjoni.

**Pestiċidi:** fl-ewwel qari l-Parlament Ewropew ippropona emendi fil-pożizzjoni sabiex fl-att bażiku jiġu introdotti dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-użu tal-pestiċidi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar (emendi 15, 16, 17, 62, 63). Dawn id-dispożizzjonijiet iffukaw, fost l-oħrajn, fuq l-importanza li meta tkun qed tiġi implimentata l-liġi jiġi limitat kemm jista' jkun l-użu tal-pestiċidi fil-prodotti maħsuba għall-produzzjoni tal-ikel kopert mir-Regolament, sabiex jiġu aġġornati l-miżuri fil-qasam b'mod regolari u sabiex tingħata attenzjoni partikolari lil ċerti pestiċidi li fihom sustanzi attivi perikolużi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti, bl-għan li, fl-aħħar nett, jiġi evitat l-użu tagħhom.

Il-Kunsill jintroduċi emendi simili li jsegwu lil dawk tal-Parlament Ewropew. Madankollu, fl-emendi tiegħu l-Kunsill ma inkludix referenza għall-fatt li, meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni, l-għan għandu jkun dak li fl-aħħar mill-aħħar jiġi evitat l-użu ta' ċerti pestiċidi li fihom sustanzi attivi perikolużi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti.

Il-Kummissjoni kienet aċċettat parzjalment, fil-prinċipju jew suġġett għal kitba mill-ġdid, l-emendi tal-Parlament Ewropew. F'dan il-kuntest, wieħed għandu jinnota li min-naħa l-waħda l-proposta tal-Kummissjoni pprevediet il-possibbiltà għall-Kummissjoni li, fejn meħtieġ, tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-pestiċidi fl-atti delegati li jkopru l-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, u min-naħa l-oħra li l-leġiżlazzjoni dwar il-pestiċidi għet riveduta riċentement u tqis gruppi vulnerabbli (inkluż tfal, feti u embrijuni). Għalhekk il-Kummissjoni tista' tkun flessibbli biex tagħmel referenza għall-użu ta' pestiċidi sakemm tibqa' konsistenti mar-regoli eżistenti dwar il-pestiċidi. Il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar is-suġġett, u tqis li tirrappreżenta kompromess tajjeb li jakkomoda t-tħassib prinċipali tal-Parlament Ewropew. Minbarra dan, il-Kummissjoni tagħmel referenza wkoll għad-dikjarazzjoni mehmuża.

**Użu ta' stampi fit-tikkettar tal-formula ta' prosegwiment:** il-Kummissjoni kienet aċċettat fil-prinċipju l-emenda 59 tal-Parlament Ewropew sabiex il-limiti eżistenti dwar it-tikkettar tal-formula tat-tfal żgħar li jikkonċernaw il-projbizzjoni li jintużaw stampi ta' trabi, test eċċ li jidealizzaw l-użu tal-prodott, jiġu estiżi għat-tikkettar tal-formula ta' prosegwiment. Il-Kummissjoni enfasizzat madankollu li jkun aħjar li tali regoli jiġu stabbiliti fil-kuntest tal-att delegat rilevanti.

Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill jaqbel mal-Parlament Ewropew u jipproponi emendi skont dan. Minbarra dan, jipproponi li dan ir-rekwiżit ikun akkumpanjat mill-prinċipju ġenerali li t-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-formula tat-trabi u l-formula ta' prosegwiment isiru b'mod li ma jiskoraġġux it-treddigħ.

Il-Kummissjoni tafferma li minħabba l-importanza politika ta' din id-dispożizzjoni, huwa xieraq li din tiġi inklużi fl-att bażiku, kif propost miż-żewġ koleġislaturi, u tqis il-pożizzjoni tal-Kunsill bħala waħda aċċettabbli.

**Gwida teknika:** il-Parlament Ewropew introduċa l-emendi 30 u 72 li jesigū li l-Kummissjoni tadotta linjigwida permezz ta' atti delegati sabiex tiffaċilita l-konformità ta' operaturi tan-negozju tal-ikel, b'mod partikolari l-SMEs, mar-rekwiżiti tar-Regolament. Il-Kummissjoni, fil-prinċipju, aċċettat dawn l-emendi.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta gwida teknika iżda ma teħtieġx li dan isir permezz tal-atti delegati. Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.

**Prinċipju ta' prekawzjoni:** il-Parlament Ewropew introduċa l-emendi 9, 10, 53, 64, 69 sabiex isostni li l-prinċipju ta' prekawzjoni, kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (KE) Nru 178/2002<sup>2</sup>, huwa applikabbli meta jittieħdu miżuri rilevanti ta' ġestjoni tar-riskju għall-ikel kopert b'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni aċċettat uħud mill-emendi fil-prinċipju, bi spirtu ta' kompromess. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Parlament Ewropew, fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill introduċa kontroreferenza għar-rekwiżiti rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002. Meta tqis in-natura orizzontali tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-Kummissjoni tippreferi kontroreferenza li tiggarrantixxi konsistenza aħjar tar-regoli tal-UE u li għalhekk tkun tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill.

**Aċċess għad-dokumenti:** il-Parlament Ewropew, fil-pożizzjoni tiegħu, introduċa l-emenda 76 sabiex jiggarrantixxi aċċess ġust għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001<sup>3</sup>. Din l-emenda ġiet parzjalment aċċettata mill-Kummissjoni u hija aċċettata mill-Kunsill suġġetta għal abbozzar mill-ġdid. Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli minħabba li tagħmel kontroreferenza għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u b'hekk tiżgura konsistenza mar-regoli tal-UE.

### 3.3. **Emendi tal-Parlament Ewropew miċħuda mill-Kummissjoni u inkorporati kompletament, parzjalment jew fil-prinċipju fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari**

**Il-lista ta' sustanzi tal-Unjoni:** il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi t-tfassil ta' lista tal-Unjoni ta' ċerti kategoriji ta' sustanzi (eż vitamini, minerali, amminoaċidi...) li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji ta' ikel koperti mir-Regolament. Fil-proposta tal-Kummissjoni, din il-lista kellha tiġi stabbilita u aġġornata permezz ta' atti ta' implimentazzjoni abbażi ta' kriterja stabbiliti mniżżla fl-att bażiku.

Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew ippropona li din il-lista tas-sustanzi tal-Unjoni għandha tikkostitwixxi Anness tar-Regolament u għandha tkun stabbilita u

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1-24.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43-48).

aġġornata bl-atti delegati (emendi 22, 87, 88, 89). L-emendi tal-Parlament Ewropew ħallew l-Anness vojg b'mod li dan ikollu jimtela mill-Kummissjoni wara li jiġi adottat ir-Regolament. Il-Kummissjoni rrifjutat dawn l-emendi minħabba li qieset li, skont ir-regoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-tfassil u l-aġġornament ta' lista ta' kategoriji faċilment identifikabbli ta' sustanzi abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-att bażiku, għandhom isiru permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill aċċetta l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew li l-lista tal-Unjoni għandha tikkostitwixxi Anness tar-Regolament. Madankollu, il-Kunsill ma jħallix l-Anness vojg biex aktar tard jiġi adottat mill-Kummissjoni, iżda jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni hu stess, filwaqt li f'dan l-Anness jinkludi s-sustanzi kollha li jappartjenu lil ċerti kategoriji ta' sustanzi (eżempju vitamini, minerali, amminoaċidi...) li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji ta' ikel koperti b'dan ir-Regolament. Minbarra dan, il-Kunsill jaqbel mal-Parlament Ewropew li l-emendi tal-lista tal-Unjoni (f'termini ta' kategoriji koperti jew sustanzi inklużi) għandhom isiru permezz ta' atti delegati, iżda jabbozza mill-ġdid l-Artikoli rilevanti tar-Regolament fid-dawl tal-bidla fin-natura tas-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tifhem li, minħabba n-natura vulnerabbli tal-kategoriji tal-popolazzjoni li huma l-konsumaturi tal-ikel kopert permezz tar-Regolament, il-leġiżlatur ikun irid jiddeċiedi hu stess liema sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' għalhekk taċċetta li l-lista ta' sustanzi tal-Unjoni tiġi stabbilita mil-leġiżlatur fl-Anness tar-Regolament. Il-Kummissjoni tista' wkoll taċċetta li l-emendi tal-Anness isiru permezz ta' atti delegati, minħabba li l-abbozzar propost mill-Kunsill jippermettilha l-livell għoli ta' diskrezzjoni meħtieġ meta tadotta tali miżuri, f'konformità man-natura tal-atti delegati kif stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Nanomaterjali:** il-Parlament Ewropew adotta l-emenda 87 bl-għan li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi għall-evalwazzjoni u l-inklużjoni ta' sustanzi li jkunu nanomaterjali manifatturati fil-lista tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-metodi ta' ttestjar għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tagħhom. Il-Parlament Ewropew introduċa wkoll kontroreferenza għad-definizzjoni ta' 'nanomaterjal maħdum' [*nanomaterjal manifatturat*] prevista fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi<sup>4</sup> (emenda 41). Il-Kummissjoni rrifjutat dawn l-emendi meta qieset li t-tħassib tal-Parlament Ewropew kien indirizzat b'mod xieraq permezz tal-proposta tal-Kummissjoni u li dawn l-emendi għalhekk ma kinux meħtieġa.

Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill jirriformula u jinkludi l-emendi tal-Parlament Ewropew. Jirriformula wkoll il-proposta sabiex tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 258/97 dwar l-ikel il-ġdid<sup>5</sup>. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tista' tiġi aċċettata mill-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess, u jekk jiġi kkunsidrat li tiġi żgurata l-konsistenza ma' atti leġiżlattivi oħra tal-UE.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18-63.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid, ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1-6.

**Emenda tad-definizzjonijiet:** il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-possibbiltà li tadatta d-definizzjonijiet tal-ikel kopert bir-Regolament permezz ta' atti delegati, filwaqt li tikkunsidra l-progress tekniku u xjentifiku u l-iżviluppi rilevanti fil-livell internazzjonali, kif xieraq. Din ġiet proposta wkoll sabiex tiffaċilita r-risoluzzjoni ta' każi dubbużi futuri fir-rigward tal-ikel kopert b'dan ir-Regolament. Kemm il-Parlament Ewropew u kemm il-Kunsill qablu li d-definizzjonijiet huma elementi essenzjali tar-Regolament propost u għalhekk ma jistgħux jiġu emendati permezz ta' atti delegati.

Filwaqt li l-Kummissjoni oriġinarjament kienet irrifjutat l-emenda 48 tal-Parlament Ewropew, issa tista' taççetta dik tal-Kunsill, fi spirtu ta' kompromess u filwaqt li tqis li l-Kunsill introduċa Artikolu ġdid fil-proposta dwar id-deċizzjonijiet ta' interpretazzjoni (ara aktar 'l isfel taħt 3.6).

**Delega ta' setgħat lill-Kummissjoni:** il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew (emenda 77) u tal-Kunsill jipprevedu li s-setgħa li jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin li jiġi estiż awtomatikament fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, minflok perjodu indefinit kif kien oriġinarjament propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' taççetta dan fi spirtu ta' kompromess u filwaqt li tikkunsidra li ż-żewġ koleġiżlaturi jkunu jirrikjedu dan.

### **3.4. Emendi tal-Parlament Ewropew aċċettati mill-Kummissjoni kompletament, parzjalment jew fil-prinċipju iżda mhux inkorporati fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari**

**Kategoriji differenti ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali:** il-Parlament Ewropew kien adotta l-emenda 47 li kkjarifikat li l-ikel għal għanijiet mediċi speċjali jista' jaqa' fi tliet kategoriji differenti (jiġifieri ikel komplet fil-livell nutrizzjonali b'formulazzjoni nutrittiva standard; ikel komplet fil-livell nutrizzjonali b'formulazzjoni adattata għan-nutrijenti; ikel mhux komplet fil-livell nutrizzjonali b'formulazzjoni standard jew adattata għan-nutrijenti). Filwaqt li l-Kummissjoni kienet aċċettat din l-emenda fil-prinċipju, il-Kunsill ma inkludihex fil-pożizzjoni tiegħu.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija, madankollu, aċċettabbli għall-Kummissjoni minħabba li d-distinzjoni bejn it-tliet kategoriji differenti ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali hija diġà preżenti fil-leġiżlazzjoni eżistenti u se tkun stabbilita fl-att delegat rilevanti. L-inklużjoni ta' dan il-livell ta' dettall f'atti delegati se tiżgura wkoll il-flessibbiltà neċessarja jekk tali kategoriji jkunu jridu jiġu emendati fil-futur.

### **3.5. Emendi tal-Parlament Ewropew irrifjutati mill-Kummissjoni u mhux inkorporati fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari**

**Ikel 'mingħajr glutina' u 'b'rata baxxa ta' glutina':** il-Kummissjoni oriġinarjament proponiet li r-regoli dwar dawn il-prodotti, li bħalissa huma inklużi f'Regolament speċifiku adottat fil-kuntest tad-Direttiva Qafas eżistenti dwar 'ikel djetetiku', għandhom jibqgħu inklużi iżda jiġu trasferiti fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel<sup>6</sup>. Fil-pożizzjoni tiegħu (l-emendi 1, 11, 12, 20, 35, 44, 45, 70, 90), il-Parlament Ewropew propona li jżid l-ikel għal nies li ma taqbilx magħhom il-glutina fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u inkluda regoli speċifiċi fl-att bażiku. Dan

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel, ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9-25.

ġie rrifjutat mill-Kummissjoni minħabba li ma tkunx azzjoni neċessarja u wkoll ma tkunx konformi mal-għan ta' Regolament aħjar u ta' simplifikazzjoni.

Il-Kunsill ma inkludix l-emendi tal-Parlament Ewropew u, bil-kontra ta' dan, stabilixxa li r-regoli eżistenti applikabbli għal dawn il-prodotti għandhom jiġu trasferiti fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, permezz ta' proċeduri speċifiċi deskritti fih. Fi premessa, il-Kunsill speċifika li dan it-trasferiment għandu tal-anqas jiżgura l-istess livell ta' protezzjoni għan-nies li ma taqbilx magħhom il-glutina kif inhu provdut bħalissa taħt ir-regoli eżistenti u għandu jitlesta qabel l-applikazzjoni tar-Regolament. Barra minn dan, il-Kunsill jipprevedi li l-Kummissjoni għandha jkollha l-mezzi biex tiżgura li dawk li ma taqbilx magħhom il-glutina jiġu infurmati kif xieraq dwar id-differenza bejn, min-naħa, l-ikel li jiġi prodott, ippreparat u/jew ipproċessat b'mod partikolari biex jitnaqqas il-kontenut ta' glutina ta' ingredjent wieħed jew aktar li fih il-glutina u min-naħa l-oħra l-ikel li huwa naturalment bla glutina.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill li mhux biss se tigarantixxi ż-żamma tal-istess livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi, iżda se tippermetti wkoll li jiġu estiżi r-regoli eżistenti għal ikel li ma jiġix ippakkjat minn qabel, u b'hekk iżżid il-protezzjoni tal-konsumaturi. Barra minn dan, it-trasferiment tar-regoli fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, li diġà jinkludi regoli dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-preżenza ta' ingredjenti li fihom il-glutina, se jkun konsistenti mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u se jigarantixxi li r-regoli kollha marbuta mal-glutina jkunu koperti mill-istess qafas legali.

**Formula għal trabi li jitwiellu żgħar u trabi li jitwiellu qabel il-waqt:** il-Kummissjoni ma aċċettatx il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (l-emendi 34, 43 u 92) li l-formula għal trabi li jitwiellu żgħar u trabi li jitwiellu qabel il-waqt għandhom ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament bħala sottokategorija ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali u li, f'kull każ, tali formula għandha tkun konformi kemm mar-rekwiżiti applikabbli għall-ikel bi skop mediku speċjali kif ukoll ma' dawk applikabbli għal formula standard għat-trabi. Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill irrikonoxxa li għandha ssir riflessjoni dwar liema huma dawk ir-regoli applikabbli għall-formula standard tat-trabi u għall-formula ta' prosegwiment li għandhom japplikaw ukoll għal ikel maħsub għal skopijiet mediċi speċjali għat-trabi, fid-dawl ta' estensjoni possibbli tar-regoli applikabbli. Madankollu adotta emendi li jippermettu li l-Kummissjoni tagħmel dan fil-kuntest tal-atti delegati.

Għall-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli. Fil-fatt, mhux it-trabi kollha li jitwiellu żgħar u li jitwiellu qabel iż-żmien jeħtieġu ikel bi skopijiet mediċi speċjali, u deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti nutrizzjonali ta' tarbija li twieldet żgħira jew dwar tarbija li twieldet qabel iż-żmien għandha tittieħed skont il-każ. Bl-istess mod, mhux ir-regoli kollha applikabbli għall-formula tat-trabi għandhom japplikaw għall-formula għat-trabi li twieldu żgħar u dawk li twieldu qabel iż-żmien minħabba li jeħtieġ ċertu livell ta' flessibilità.

Meta jiġu adottati regoli speċifiċi għall-ikel bi skopijiet mediċi speċjali permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni se tkun tista' tqis liema regoli għandhom japplikaw għal dan l-ikel għat-trabi, filwaqt li tikkunsidra l-iżviluppi fis-suq u ż-żieda notevoli tal-offerta marbuta ma' tali prodotti. Il-Kummissjoni tqis li t-test propost mill-Kunsill

iwieġeb għat-tħassib tal-Parlament Ewropew minħabba li jipprevedi b'mod ċar li l-Kummissjoni se jkollha tikkunsidra l-kwistjoni meta tadotta atti delegati.

**Innovazzjoni:** fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill ma inkludix l-emendi 31, 50 u 91 tal-Parlament Ewropew li huma marbuta mal-proċedura temporanja ta' awtorizzazzjoni għall-prodotti innovattivi. L-emendi tal-Parlament Ewropew kellhom l-għan li jippermettu li prodotti innovattivi mhux konformi mar-rekwiżiti ta' kompożizzjoni kif stipulati fl-atti delegati adottati fil-kuntest tar-Regolament ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq għal sentejn.

Il-Kunsill ikkunsidra li l-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija waħda suffiċjenti, minħabba li din tipprevedi l-possibbiltà li jiġu emendati, permezz ta' atti delegati, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kompożizzjoni għall-prodotti koperti b'dan ir-Regolament. Madankollu, il-Kunsill jemenda l-proposta billi jenfasizza li l-emendi ta' tali rekwiżiti għandhom jikkunsidraw id-dejta kollha rilevanti, inkluż id-dejta provduta mill-partijiet interessati dwar, fost l-oħrajn, prodotti innovattivi. Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi bilanċ perfett bejn l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-possibbiltà li jiġu eliminati regoli mhux meħtieġa u piżijiet amministrattivi eċċessivi.

**'Ikel li ma fihx lattożju':** fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari l-Parlament Ewropew ippropona emenda 80 li titlob lill-Kummissjoni tabbozza rapport sabiex tikkjarifika l-istatus tal-indikazzjonijiet 'ma fihx lattożju' u 'bi ftit lattożju' flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk din tkun meħtieġa. Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill issuġġerixxa li, f'każ li jkun meħtieġ, dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu armonizzati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, kif sar fil-każ tal-glutina. Hemm ukoll premessa li tirreferi għall-parir xjentifiku eżistenti provdut mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel dwar is-suġġett<sup>7</sup>.

Il-Kummissjoni tqis li mhux se jkun meħtieġ rapport minħabba li l-istatus ta' dawn l-indikazzjonijiet huwa ċar fil-kuntest ta' liġi ġenerali dwar l-ikel u diġà jeżisti parir xjentifiku dwar is-suġġett. Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill li tiżgura konsistenza kemm mal-ġestjoni tar-regoli dwar ikel 'mingħajr glutina', kif ukoll mar-regoli dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-preżenza ta' ingredjenti li fihom il-lattożju, li huma diġà preżenti fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

### 3.6. **Dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-Kunsill**

**Ikel maħsub għall-isportivi:** il-Kummissjoni oriġinarjament ipproponiet li l-ikel għall-isportivi jibqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost u li tkoprieh b'mod esklussiv mil-liġi ġenerali dwar l-ikel (u b'mod partikolari r-Regolament dwar l-istqarrijiet). Il-Parlament Ewropew, fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, qabel mal-Kummissjoni li dawn il-prodotti ma għandhomx ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament iżda talbet lill-Kummissjoni sabiex "*tivvaluta, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015, il-bżonn li tirrevedi l-liġi ġenerali dwar l-ikel f'dan ir-rigward*" (emenda 6).

Fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill qabel li jħalli dawn il-prodotti barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost iżda introduċa emendi li jeżiġu li l-Kummissjoni tfassal abbozz ta' rapport dwar il-ħtieġa, jekk inhu l-każ, ta' regoli

<sup>7</sup>

Il-Bord tal-EFSA dwar Prodotti Djetetiċi, Nutrimenti u Allergji (NDA); Scientific Opinion on lactose thresholds in lactose intolerance and galactosaemia. EFSA Journal 2010; 8(9):1777. [29 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1777.

speċifiċi għal dawn il-prodotti bil-possibbiltà li dan ir-rapport ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva. It-talba tal-Kunsill għal rapport tista' tiġi aċċettata fi spirtu ta' kompromess finali u speċjalment meta wieħed iqis li l-koleġiżlaturi jaqblu li, sadanittant, dawn il-prodotti għandhom jibqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

**Deċiżjonijiet ta' interpretazzjoni:** fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill introduċa Artikolu li jippermetti li l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk ikel partikolari jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u taħt liema kategorija. Il-Kummissjoni tqis li l-emenda tal-Kunsill twassal għat-titjib meħtieġ fil-proposta, li għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament u li għandu jnaqqas id-diffikultajiet b'rabta ma' każijiet dubjużi. Fil-fatt, id-distinzjoni problematika bejn ikel li bħalissa jitqies bħala ikel għal użu nutrizzjonali partikolari u 'ikel normali' kienet waħda mir-raġunijiet li wasslet biex il-Kummissjoni tippreżenta l-proposta.

**Perjodi ta' tranżizzjoni u t-tħassir tal-miżuri eżistenti:** il-pożizzjoni tal-Kunsill tipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, u sakemm jispiċċaw l-istokkijiet, minflok sentejn kif proponiet il-Kummissjoni. Il-Kunsill jipproponi wkoll li jestendi dan il-perjodu ta' tranżizzjoni għal prodotti speċifiċi fil-każ li l-Kummissjoni ddum biex tadotta l-atti delegati rilevanti. Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabli fil-kuntest tal-kompromess ġenerali u jekk wieħed iqis l-abbozz rivedut li jtejjeb iċ-ċarezza għall-operaturi u l-awtoritajiet li jwettqu l-kontrolli.

**Tħassir tar-regoli dwar miżuri ta' emerġenza:** fil-pożizzjoni tiegħu l-Kunsill iħassar ir-regoli dwar il-miżuri ta' emerġenza minħabba li dawn huma diġà inklużi fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-liġi ġenerali dwar l-ikel. Għall-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill hija aċċettabbli.

#### 4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata tirrifletti l-għanijiet oriġinali tal-proposta tal-Kummissjoni u tikkunsidra t-tħassib tal-Parlament Ewropew. Għalkemm fil-każ ta' ċerti elementi l-pożizzjoni komuni hija differenti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tqis li l-proposta tirrappreżenta kompromess ibbilanċjat b'reqqa u hija sodisfatta li tkopri l-kwistjonijiet kollha meqjusa essenzjali min-naħa tal-Kummissjoni meta tadotta l-proposta tagħha.

Għar-raġunijiet imsemmija, il-Kummissjoni tappoġġa l-pożizzjoni komuni adottata fit-22 ta' April 2013.

#### 5. DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IL-PESTIĊIDI

Fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(1)(b), il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-pestiċidi li fihom sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġizzanti kklassifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008<sup>8</sup> bħala mutaġeniċi kategorija 1A jew 1B, karċinoġeni kategorija 1A jew 1B, tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategorija 1A jew 1B, jew meqjusa li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali u li jistgħu jikkawżaw effetti negattiv fuq il-bnedmin, jew li huma tossiċi ħafna, jew li jikkawżaw effetti kritiċi bħal effetti newrotossiċi jew immunotossiċi tal-iżvilupp, bil-għan li fl-aħħar mill-aħħar jiġi evitat l-użu tagħhom.

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 *ĠUL* 353, 31.12.2008, p. 1-1355.